MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 106/2011

**Simon Mallia**

**-vs-**

**Jacqueline Seisun**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata mill-attur Simon Mallia fis-7 ta’ Frar 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-attur akkwista l-fond u id-dar bl-isem “Valentine” bin-numru uffiċjali tnejn (2), Triq Sir Arthur Borton, Mosta permezz tas-Subbasta (89/2008) li saret nhar it-tnejn (2) ta’ Settembru elfejn u għaxra (2010) fil-Qorti Ċivili, Malta.

Illi l-attur irid li jieħu fil-pussess tiegħu l-fond hawn fuq deskritt pero' l-intimata qiegħda tirrifjuta li tagħti ċ-ċavetta l-Qorti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tawtorizża r-ripreża tal-fond u jekk inhu l-każ tordna l-iżgumbrament f'terminu qasir u perentorju tal-intimat u / jew tat-terzi li qegħdin jokkupaw il-fond hawn fuq deskritt mingħajr titolu validu fil-liġi;

2. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta minn issa sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u kwindi hija kontumaċji skond il-liġi;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2011 l-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu;

Rat illi fl-istess seduta l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenuta tiġi żgombrata mill-fond in kwistjoni u dan *stante* li m'għandu ebda titolu. Kif ġja' ngħad il-konvenuta hija kontumaċji u għalhekk il-verżjoni tal-attur ma ġietx ribattuta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tordna li l-konvenuta tiżġombra mill-proprjeta' in kwistjoni fi żmien tlett xhur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------